MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-23 ta' April, 2005

Numru 358/2005

I1-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

John Muscat ta’ 62 sena, bin John u Nazzarena nee’ Azzopardi, imwieled in-Naxxar fl-24 ta’ Frar, 1943 u joqghod 37, Triq l-Gherien tal-Wied tal-Mosta, detentur tal-karta tal-identita’ numru
241643 M

ILLUM IS-SIBT 23 T’ APRIL 2005

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni fejn l-imputat gie akkuzat illi:-

1. Fit-22 ta' April, 2005, ghall-habta ta' nofs inhar, gewwa l-bini tal-Qorti il-Belt Valletta, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-Ispettur Christopher Pullicino, wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b'gesti, kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi , nvolontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jghamel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, izda stante c-cirkostanzi tal-kaz, l-appologija u l-obbligazzjoni u n-natura kontravenzjonali ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti, issib lill-imputat hati u wara li rat l-Art. 95 (1), Art. 252 (1), Art.338 (dd), Art. 339 (d) u Art. 339 (e) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal twiddiba u canfira fuq l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet b'dan illi t-tieni (2) imputazzjoni tinkwadra ruhha fil-kontravenzjoni kontemplata taht l-Art. 339 tal-Kap 9.

A tenur tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9, il-Qorti, biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-Ispettur Christopher Pullicino u sabiex jinzamm il bon-ordni pubbliku, qedgha torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ LM100 li ma jimmolestax lill-imsemmija persuna, u dan ghal zmien ta’ sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------